



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 1 ta' Diċembru 2020
(OR. en)

13567/20

RECH 483
COMPET 611

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Suġġett:	Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar iż-Żona Ewropea tar-Riċerka I-Ġdida

Id-delegazzjonijiet isibu fl-Anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill imsemmija hawn fuq approvati mill-Kunsill permezz ta' proċedura bil-miktub fl-1 ta' Diċembru 2020.

**KONKLUŻJONIJIET TAL-KUNSILL DWAR
IŻ-ŻONA EWROPEA TAR-RIĊERKA L-ĠDIDA**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

FILWAQT LI JFAKKAR

- fir-Riżoluzzjoni tal-Kunsill ta' Ġunju 2000¹ li tistabbilixxi żona Ewropea ta' riċerka u innovazzjoni;
- li l-Kunsill Ewropew ta' Barċellona f'Marzu 2002² qabel li n-nefqa kumplessiva fuq ir-riċerka, l-iżvilupp u l-innovazzjoni fl-Unjoni għandha tizzied bil-għan li toqrob lejn it-3 % tal-PDG;
- fil-Artikolu 179 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, li jistabbilixxi Żona Ewropea tar-Riċerka;
- fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew ta' Frar 2011³ li kkonfermaw li l-Ewropa teħtieġ żona ta' riċerka unifikata biex tattira t-talent u l-investment u li appellaw għall-ħolqien ta' suq uniku ġenwin għall-għarfien, ir-riċerka u l-innovazzjoni;
- fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni ta' Lulju 2012⁴ u l-Konklużjonijiet tiegħu tal-2012 dwar "Sħubija Rinfurzata taż-Żona Ewropea tar-Riċerka għall-Eċċellenza u għat-Tkabbir"⁵ li fihom il-prijoritajiet eżistenti taż-Żona Ewropea tar-Riċerka (ŻER) ġew miftiehma;

¹ ĠU C 205, 19.7.2000, p. 1

² SN 100/1/02

³ EUCO 2/11

⁴ 12848/12

⁵ 17649/12

- fil-Konklużjonijiet tiegħu tal-2013⁶ dwar "Intejbu u niffukaw il-kooperazzjoni internazzjonali tal-UE fir-riċerka u l-innovazzjoni: Approċċ strateġiku" li jirrikonossu d-dimensjoni internazzjonali bħala parti importanti taż-ŻER;
- fil-Konklużjonijiet tiegħu ta' Mejju 2015⁷ dwar "il-Pjan Direzzjonali 2015-2020 għaż-Żona Ewropea tar-Riċerka" li ffurmaw il-bażi għall-Pjanijiet ta' Azzjoni Nazzjonali taż-ŻER sussegwenti tal-Istati Membri;
- fil-Konklużjonijiet tiegħu ta' Diċembru 2015⁸ dwar l-avvanz tal-ugwaljanza bejn is-sessi fiż-Żona Ewropea tar-Riċerka;
- fil-Konklużjonijiet tiegħu ta' Mejju 2016⁹ dwar "It-tranżizzjoni lejn sistema ta' Xjenza Miftuħa";
- fil-Konklużjonijiet tiegħu ta' Novembru 2016¹⁰ dwar "Miżuri b'appoġġ għar-riċerkaturi fil-bidu tal-karriera tagħhom, biex tiżied l-attrazzjoni tal-karrieri xjentifiċi u jitravwem l-investiment fil-potenzjal uman fir-riċerka u l-iżvilupp";
- fil-Konklużjonijiet tiegħu ta' Mejju 2018¹¹ dwar il-"Cloud Ewropew tax-Xjenza Miftuħa";
- fil-Konklużjonijiet tiegħu ta' Novembru 2018¹² dwar il-"Governanza taż-Żona Ewropea tar-Riċerka" li stiednu lill-Kummissjoni biex sa nofs l-2020 tippubblika Komunikazzjoni ġdida taż-ŻER għall-perijodu lil hinn mill-2020 u li ġiet segwita minn pjan ta' azzjoni tal-Kumitat taż-Żona Ewropea tar-Riċerka u l-Innovazzjoni (KŻER);
- fil-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew ta' Marzu 2019¹³, li appellaw lill-UE biex iżżid l-investiment fir-riċerka u l-innovazzjoni (R&I) sabiex tibqa' kompetittiva globalment fit-teknoloġiji ewlenin u fil-ktajjen tal-valur strateġiċi;

6	497/12
7	9351/15
8	14846/15
9	9526/16
10	15013/16
11	9291/18
12	14989/18
13	EUCO 1/19

- fl-Aġenda Strateġika tal-UE 2019-2024¹⁴, li tissottolinja l-ħtieġa li jiżdiedu l-isforzi tar-riċerka, b'mod partikolari billi tiġi indirizzata l-frammentazzjoni tar-riċerka, l-iżvilupp u l-innovazzjoni Ewropej u tirrikonoxxi li għandna bżonn nagħmlu aktar biex niżguraw l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel, kif ukoll id-drittijiet u l-opportunitajiet indaqs għal kulħadd;
- fl-Opinjoni dwar il-futur taż-ŻER adottata mill-KŻER f'Diċembru 2019¹⁵ li ddeskriviet l-elementi ewlenin għal "ŻER ġdida";
- fil-komunikazzjoni tal-Kummissjoni ta' Settembru 2020¹⁶ dwar "ŻER ġdida għar-riċerka u l-innovazzjoni".

I. KUNTEST POLITIKU

1. JISSOTTOLINJA l-importanza tal-implimentazzjoni tal-"Aġenda strateġika tal-Mexxejja 2019-2024" li tindirizza l-aktar sfidi urġenti li jiffukaw fuq il-protezzjoni taċ-ċittadini u l-libertajiet, l-iżvilupp ta' bażi ekonomika b'saħħitha u vibranti, il-bini ta' Ewropa newtrali għall-klima, ekoloġika, ġusta u soċjali u l-promozzjoni tal-interessi u l-valuri Ewropej fix-xena globali.
2. JILQA' f'dan ir-rigward ukoll il-prijoritajiet il-ġodda tal-Kummissjoni għall-2019-2024 li jiffukaw fuq l-oqsma essenzjali ta' trasformazzjoni inkluż li l-Ewropa ssir l-ewwel kontinent newtrali għall-klima ("Patt Ekoloġiku Ewropew"), approċċ ġdid għall-innovazzjoni kif iddikjarat fl-"Istrateġija industrijali ġdida" ("Ekonomija għas-servizz tan-nies"), ir-rilevanza ta' "Saħħa Globali", it-tisħiħ tat-tmexxija globali responsabbli tal-Ewropa ("Ewropa aktar b'saħħitha fid-dinja"), l-għoti tas-setgħa lin-nies permezz ta' ġenerazzjoni ġdida ta' teknoloġiji ("Ewropa Lesta għall-Era Diġitali"), "Spinta ġdida għad-demokrazija Ewropea" u l-"Promozzjoni tal-Istil ta' Ħajja Ewropew Tagħna", bil-għan ta' pjaneta b'saħħitha, it-tnejn tal-Ewropa għal dinja diġitali ġdida u l-espansjoni tas-sovranià teknoloġika tagħha. JAGĦRAF li l-iżvilupp ta' strateġija trasformattiva ta' riċerka, innovazzjoni u diffużjoni li tħares 'il quddiem huwa meħtieġ biex jinkisbu dawn il-prijoritajiet u jiġu żgurati t-tkabbir tal-produttività u l-kompetittività sostenibbli tal-Ewropa.

¹⁴ Adottata mill-Kunsill Ewropew fl-20 ta' Ġunju 2019

¹⁵ KŻER 1201/20

¹⁶ 11400/20 + ADD1

3. JIRRIKONOXXI l-progress li sar fil-kisba taż-ŻER, b'mod partikolari abbażi tal-pjan direzzjonali taż-ŻER u l-pjanijiet ta' azzjoni nazzjonali taż-ŻER li jindirizzaw il-prijoritajiet attwali taż-ŻER immirati prinċipalment lejn it-titjib tal-kwalità tas-sistemi R&I madwar l-Ewropa u l-interazzjoni tagħhom. JINNOTA bi tħassib it-tnaqqis fir-ritmu u l-progress irregolari madwar l-Unjoni¹⁷. JILQA' f'dan ir-rigward l-ambizzjonijiet il-ġodda rigward iż-ŻER kif espressi fl-"Opinjoni tal-KŻER dwar il-futur taż-ŻER" u l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar "ŻER ġdida għar-riċerka u l-innovazzjoni". JENFASIZZA l-ħtieġa li l-Kummissjoni u l-Istati Membri jgħallqu u jimplimentaw b'mod konġunt din iż-ŻER ġdida" fil-livelli kollha biex tiġi żgurata sjieda konġunta ġusta u bbilanċjata madwar l-Unjoni.
4. JAPPELLA lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jappoġġaw l-iżvilupp taż-ŻER ġdida" fil-partijiet kollha tal-Programm Qafas tal-UE għar-R&I kif ukoll permezz tal-mobilizzazzjoni ta' politiki u programmi oħra proposti tal-UE, inkluż il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, l-istrumenti tal-politika ta' Koeżjoni, il-Programm Ewropa Diġitali u l-Istrument ta' Appoġġ Tekniku. JISSOTTOLINJA li l-Programm Qafas tal-UE għar-R&I huwa l-aktar strument importanti fil-livell tal-UE għall-appoġġ u l-implimentazzjoni taż-ŻER.

II. GĦANIJIET TAŻ-"ŻER ĠDIDA"

5. JIDDEFINIXXI ż-ŻER Ġdida" b'ħala qasam ta' eċċellenza, iċċentrat fuq ir-riċerka, ibbażat fuq il-valuri, kif ukoll xprunat mill-impatt, fejn ir-riċerkaturi, l-għarfien u t-teknoloġija huma appoġġati u jistgħu jiċċirkolaw liberament. Din iż-ŻER Ġdida" għandha tkun ibbażata fuq responsabbiltajiet kondiviżi, il-parteċipazzjoni tal-partijiet ikkonċernati u taċ-ċittadini, filwaqt li tibni fuq id-diversità u l-punti b'saħħithom tal-ekosistemi Ewropej tar-R&I, billi twieġeb għad-direzzjonalità intelliġenti u li fiha, b'mod partikolari, ir-riċerka fundamentali hija essenzjali biex jiġu żgurati l-eċċellenza, l-attrazzjoni u l-vantaġġ kompetittiv tal-ekosistemi tar-R&I.

¹⁷ Ir-Rapport ta' Progress taż-ŻER għall-2018

6. JISSOTTOLINJA li l-attivitajiet tar-R&I, li jinkludu l-firxa sħiħa minn riċerka u innovazzjoni fundamentali għal dawk applikati, u l-għarfien li jipproduċu għandhom valur ferm akbar mill-kontribut tagħhom għat-tkabbir sostenibbli u l-impjiegi billi jagħtu kontribut essenzjali biex jiġu indirizzati l-isfidi tas-soċjetà u jikkostitwixxu pedament tat-tfassil ta' politika bbażat fuq il-valuri u l-evidenza u b'hekk tad-demokrazzi Ewropej tagħna. JENFASIZZA l-importanza ta' ftuħ kontinwu għall-kollaborazzjoni internazzjonali biex jintlaħqu l-għanijiet taż-"ŻER Ġdida", biex jiġi appoġġat ir-rwol tal-Ewropa bħala mexxej globali u JIKKUNSIDRA li l-Pajjiżi Assoċjati huma sħab ewlenin taż-"ŻER Ġdida".
7. JENFASIZZA r-rwol sinifikanti tar-R&I fit-twettiq tal-irkupru tal-Ewropa filwaqt li jippermetti u jaċċellera t-tranżizzjoni diġitali u ekoloġika, isaħħaħ ir-reżiljenza u t-tħejjija għall-kriżijiet u jappoġġa l-vantaġġ kompetittiv tal-Ewropa. JISSOTTOLINJA l-importanza tal-politika tar-R&I biex tattira l-investment min-negozji fir-R&I, filwaqt li jintużaw teknoloġiji ġodda u jiġi sostnut l-assorbiment tal-għarfien u t-teknoloġiji f'oqsma ta' politika rilevanti sabiex in-negozji Ewropej ikunu jistgħu jiżviluppaw prodotti u servizzi ġodda li jistgħu jikkompetu b'suċċess fis-swieq globali u jipprovdu soluzzjonijiet effettivi għall-isfidi tas-soċjetà, u b'hekk jikkontribwixxu għas-sovranià teknoloġika.
8. JISSOTTOLINJA l-potenzjal ta' kooperazzjoni u koordinazzjoni marbut mar-R&I aktar mill-qrib fiż-ŻER bejn il-livelli reġjonali, nazzjonali u Ewropej sabiex jiġi massimizzat l-impatt tal-investimenti biex jinkisbu objettivi ta' politika komuni b'mod effettiv u orjentat lejn l-impatt, inkluż għat-tnaqqis tad-distakk fir-R&I madwar l-Unjoni.
9. JENFASIZZA li ż-"ŻER Ġdida" għandha tkompli ssaħħaħ il-kwalità tas-sistemi R&I u r-rabtiet tagħhom madwar l-Ewropa, filwaqt li tikkontribwixxi għal interazzjonijiet aħjar bejn il-politiki R&I u oqsma oħra ta' politika, b'mod partikolari l-politiki dwar l-Edukazzjoni Għolja u l-politiki industrijali u tipprevedi interazzjoni aktar effettiva mas-soċjetà.

10. JAPPELLA lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni biex jipprijoritizzaw l-investimenti fiż-
"ŻER Ġdida" u JAFFERMA MILL-ĠDID il-mira ta' investiment fir-riċerka u l-iżvilupp ta'
3 % tal-PDG tal-UE¹⁸. JISTIEDEN lill-Istati Membri jistabbilixxu miri ta' investiment fil-
livell nazzjonali, b'mod partikolari fir-rigward tal-isforzi pubbliċi marbuta mar-R&Z. JIEĦU
NOTA tal-proposti tal-Kummissjoni biex tiġi inkluża mira ġdida ta' sforz pubbliku ta' 1.25 %
tal-PDG tal-UE li għandha tintlaħaq mill-Istati Membri sal-2030 b'mod ikkoordinat mill-UE u
żewġ miri volontarji ġodda għall-Istati Membri biex jimpenjaw 5 % tal-finanzjament pubbliku
nazzjonali tar-R&Ż għal programmi konġunti u sħubiji Ewropej sal-2030 u biex jiżdied
b'50 % l-investiment fir-R&Ż f'pajjiżi li huma taħt il-medja tal-intensità R&Ż tal-UE¹⁹.
11. JENFASIZZA l-ħtieġa li z-"ŻER Ġdida" ssir aktar tanġibbli, ta' impatt u rilevanti għar-
riċerkaturi, l-innovaturi, il-partijiet ikkonċernati tar-R&I, u ċ-ċittadini madwar l-Ewropa.
JISSOTTOLINJA f'dan ir-rigward il-valur miżjud tal-azzjonijiet konkreti taż-ŻER bħala parti
minn aġenda ta' politika taż-ŻER li għandha tiġi żviluppata b'mod konġunt u b'mod
sistemiku u f'waqt u implimentata bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni b'mod li jiġi
massimizzat l-impatt madwar l-Ewropa biex jissaħħu l-ekosistemi nazzjonali, jiżdied il-
momentum u jiġi żgurat l-impenn politiku. JISSOTTOLINJA li d-diversità tal-oqfsa ta'
politika R&I tal-Istati Membri teħtieġ approċċ volontarju għall-implimentazzjoni ta'
azzjonijiet konkreti taż-ŻER filwaqt li timmira għal parteċipazzjoni wiesgħa. JAGĦRAF il-
potenzjal tat-tnedija ta' azzjonijiet pilota taż-ŻER fl-2021 li għandhom appoġġ politiku wiesa'
u li huma implimentati b'mod konġunt minn massa kritika ta' Stati Membri u l-Kummissjoni
sabiex jinżamm il-momentum politiku fl-oqsma ta' azzjoni prijoritarji madwar l-Unjoni u jiġu
pprovduti opportunitajiet lil hinn mill-Istati parteċipanti biex jibbenefikaw l-Istati Membri
kollha.

¹⁸ L-istrateġija Ewropa 2020 tistabbilixxi l-mira ta' "Titjib tal-kundizzjonijiet għall-
innovazzjoni, ir-riċerka u l-iżvilupp", b'mod partikolari bil-għan ta' "żieda tal-investiment
pubbliku u privat ikkombinat fir-riċerka u l-iżvilupp għal 3 % tal-PDG" sal-2020, fejn 2/3
għandu joriġina mis-settur privat u 1/3 mis-settur pubbliku.

¹⁹ In-nefqa domestika grossa fuq r-R&Ż (GERD) tkopri l-infiq kollu għar-R&Ż imwettaq fit-
territorju nazzjonali matul perijodu ta' referenza speċifiku (Frascati 2015). Il-GERD tkopri
n-nefqa pubblika u privata fir-R&Ż. Huwa l-aggregat tar-R&Ż imwettaq minn erba' setturi
istituzzjonali: intrapriżi tan-negozju (BES); gvern (GOV); edukazzjoni għolja (HES); privat
mingħajr skop ta' qligħ (PNP).

III. PRIJORITAJIET TAL-AZZJONIJIET ŻER

12. JISSOTTOLINJA l-ħtieġa li l-għanijiet taż-"ŻER Ġdida" jissarrfu f'azzjonijiet konkreti taż-ŻER f'konformità mal-erba' oqsma ta' prijorità deskritti hawn taħt. JAPPELLA lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni biex jaqblu malajr dwar aġenda ta' politika taż-ŻER, FILWAQT LI JITQIES KIF XIERAQ il-pjan direzzjonali taż-ŻER propost mill-Kummissjoni bħala punt ta' tluq importanti.

A. APPROFONDIMENT TAŻ-ŻER – KUNDIZZJONIJIET QAFAS

13. JIDDEFINIXXI l-element ta' "approfondiment taż-ŻER" bħala għan komuni tal-UE u l-Istati Membri tagħha biex jistinkaw għal kundizzjonijiet qafas ta' xogħol, impjegabbiltà u kundizzjonijiet qafas rilevanti oħra fil-livelli kollha sabiex jiġu sfruttat b'mod sħiħ il-potenzjal ta' kooperazzjoni u l-konnettività fiż-ŻER fil-livell tar-riċerkaturi, tal-proġetti, tal-programm u dak istituzzjonali.
14. JISTIEDEN lill-Istati Membri jkomplu jirriformaw is-sistemi nazzjonali tagħhom tar-R&I u l-istituzzjonijiet u l-organizzazzjonijiet rispettivi tagħhom, u jagħmluhom aktar attraenti, interoperabbli, inklużivi u kompetittivi; JISSOTTOLINJA li minbarra l-eċċellenza, l-orjentazzjoni lejn l-impatt u l-investimenti u r-riżorsi xierqa, il-komponenti ewlenin għal sistema Ewropea robusta tar-R&I huma l-etika u l-valuri komuni – inkluż l-integrità tar-riċerka, il-libertà tar-riċerka xjentifika, l-evalwazzjoni soda bejn il-pari, l-ugwaljanza u d-diversità.
15. JAGĦRAF ir-rwol tal-Kummissjoni li tistimula u tinċentiva r-riformi u l-investimenti tal-Istati Membri biex tinkiseb interoperabbiltà aħjar fl-UE, kemm permezz ta' appoġġ finanzjarju permezz ta' programmi u strumenti rilevanti tal-UE – b'mod partikolari l-Programm Qafas tal-UE għar-R&I, kif ukoll permezz ta' djalogi regolari u strumenti korrispondenti ta' appoġġ għall-politika lil hinn mill-appoġġ finanzjarju, inkluż l-għoti ta' analiżi, gwida, parir, appoġġ tekniku, monitoraġġ u attivitajiet marbuta mal-analitika tad-data.

16. JAPPELLA lill-Kummissjoni u lill-Istati parteċipanti biex ikomplu jiżviluppaw u jimplimentaw il-Cloud Ewropew tax-Xjenza Miftuħa (EOSC) u l-kundizzjonijiet qafas tiegħu bħala l-azzjoni pilota taż-ŻER biex tiġi approfondita ż-ŻER, b'mod partikolari billi jkomplu jiffederaw madwar l-Ewropa l-infrastrutturi u s-servizzi tad-data tar-riċerka u jrawmu għarfien miftuħ u kollaborattiv u l-kondiviżjoni tad-data u l-interoperabbiltà fi ħdan iż-ŻER, biex iservu f'governanza tripartitika bħala pjattaforma ta' servizz u ta' spazju ta' data għar-riċerka u l-innovazzjoni affidabbli, sigura u funzjonali fl-Ewropa u biex jikkonnettjaw mal-ispazji tad-data tematiċi bħall-ispazju komuni Ewropew tad-data dwar is-saħħa.
17. JAPPELLA lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jiżviluppaw u jimplimentaw b'mod konġunt azzjonijiet taż-ŻER f'kooperazzjoni mill-qrib mal-partijiet ikkonċernati taż-ŻER li jindirizzaw l-isfidi ewlenin biex tiġi approfondita ż-ŻER. JAPPELLA lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jaqblu dwar azzjonijiet ta' prijetà bħala parti minn aġenda ta' politika taż-ŻER fl-2021, inkluż dwar azzjonijiet fl-oqsma li ġejjin:
- i. **Karrieri fir-riċerka:** JENFASIZZA li t-titjib tal-attrattività tal-karrieri fir-riċerka huwa element vitali taż-ŻER Ġdida", billi jinħolqu kundizzjonijiet tax-xogħol u tal-impjiegi attraenti u sikuri għal karrieri aktar sostenibbli u attraenti għar-riċerkaturi u, konsegwentement, jiġu attirati u miżmuma riċerkaturi eċċellenti; JISTIEDEN lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex ifasslu b'mod konġunt "Qafas Ewropew ta' Kompetenza għall-Karrieri fir-Riċerka", inkluż għall-Infrastrutturi tar-Riċerka, – bħala segwitu għall-"Karta Ewropea għar-Riċerkaturi" u l-"Kodiċi ta' Kondotta għar-Reklutaġġ tar-Riċerkaturi" b'kont meħud tax-xjenza miftuħa, l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, il-ħiliet diġitali, il-valutazzjoni tar-riċerka, id-diversifikazzjoni tal-karrieri fir-riċerka u d-diversi perkorsi tal-karrieri u elementi rilevanti addizzjonali tal-Aġenda Ewropea għall-Hiliet²⁰ u tas-"Sejħa għal Azzjoni ta' Zagreb"; JIEĦU NOTA tal-proposti tal-Kummissjoni fil-komunikazzjoni taż-ŻER, inkluż sett ta' għodod ta' appoġġ għall-karrieri fir-riċerka u inizjattiva ERA4You biex jissaħħu, fost l-oħrajn, il-kooperazzjoni u l-mobbiltà bejn l-akkademja u n-negozju.

²⁰ 9349/20

- ii. **Sinerġiji:** JILQA' l-isforzi l-ġodda biex jinħolqu u jiġu sfruttati s-sinerġiji bejn l-istrumenti ta' finanzjament Ewropej sabiex jiġi massimizzat l-impatt ta' sorsi differenti ta' finanzjament biex tiġi żgurata tranżizzjoni doppja effettiva u rkupru rapidu, speċjalment bejn l-Orizzont Ewropa futur, Erasmus+, il-Fondi tal-Politika ta' Koeżjoni (FEŻR, FSE + u l-Fond ta' Koeżjoni), Next Generation EU, il-Programm tas-Suq Uniku, l-istrumenti ta' azzjoni esterna tal-UE, il-programm l-UE għas-Saħħa u l-Programm Ewropa Diġitali, u JĦEĠĠEĠ lill-Kummissjoni tipprovdi gwida Prattika u għodod simplifikati lill-Istati Membri dwar l-aħjar mod kif jiġu implimentati dawk is-sinerġiji fil-kuntest nazzjonali u f'dak reġjonali.
- iii. **Libertà tax-Xjenza/Libertà Akkademika:** JIRRIKONNOXXI l-isforzi tal-Proċess ta' Bolonja biex tissaħħaħ u tiġi mmonitorata l-libertà akkademika fis-settur tal-edukazzjoni għolja tad-49 pajjiż parteċipanti fiż-Żona Ewropea ta' Edukazzjoni Għolja (EHEA). JILQA' d-dikjarazzjoni ta' Bonn dwar il-libertà tar-riċerka xjentifika approvata fl-20 ta' Ottubru 2020 u l-Komunikat Ministerjali li jkopri l-libertà akkademika adottata matul il-konferenza EHEA f'Ruma fid-19 ta' Novembru 2020 bħala punt ta' tluq konġunt għas-salvagwardja u t-tisħiħ tal-libertà tax-xjenza/il-libertà akkademika u JAPPELLA lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri u lill-istituzzjonijiet akkademiċi biex isegwu mill-qrib l-esperjenzi tal-Proċess ta' Bolonja u jivvalutaw l-implikazzjonijiet tiegħu għar-riċerka u jaħdmu flimkien b'mod partikolari fir-rigward ta' indikaturi potenzjali, metodi ta' evalwazzjoni u monitoraġġ u r-rilevanza tagħhom għat-tisħiħ ulterjuri tal-libertà tar-riċerka xjentifika fi ħdan iż-ŻER.
- iv. **Nikkonnettjaw iż-ŻER u l-EHEA:** JENFASIZZA li għandhom jiġu żviluppati sinerġiji u interkonnessjonijiet aktar b'saħħithom bejn iż-ŻER, l-EHEA u l-elementi relatati mal-edukazzjoni għolja taż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni (EEA); JIDENTIFIKA t-trasformazzjonijiet istituzzjonali, il-karrieri fir-riċerka, l-edukazzjoni fix-xjenza, it-taħriġ, il-kooperazzjoni internazzjonali u ċ-ċirkolazzjoni tal-għarfien bħala oqsma possibbli ta' kooperazzjoni aktar determinata. JAPPOĠĠA l-iżvilupp ulterjuri tal-"Alleanzi Universitarji Ewropej" bħala eżempju ewlieni għall-istituzzjonijiet moderni u inklużivi tal-edukazzjoni għolja tal-futur fl-Ewropa. JIEĦU NOTA tal-proposta tal-Kummissjoni biex jiġi żvilupp pjan direzzjonali ta' azzjonijiet għall-ħolqien ta' sinerġiji bejn l-edukazzjoni għolja u r-riċerka.

- v. **Infrastrutturi tar-Riċerka:** JISSOTTOLINJA l-ħtieġa li jsir investment sostenibbli fl-Infrastrutturi tar-Riċerka (RIs) nazzjonali u Ewropej matul iċ-ċiklu tal-ħajja tagħhom sabiex ikunu jistgħu jikkontribwixxu għal riżultati eċċellenti f'ix-xjenzi fundamentali u applikati u jipprovdu l-għarfien komprensiv meħtieġ biex jiġu indirizzati l-isfidi attwali u futuri; JINKORAĠĠIXXI lill-Istati Membri, lill-Pajjiżi Assoċjati u lill-Kummissjoni, biex, billi jibnu fuq il-White Paper "Making Science Happen" (Nagħmlu x-Xjenza Realtà) tal-Forum Strateġiku Ewropew għall-Infrastrutturi tar-Riċerka (ESFRI), jaħdmu għall-iżvilupp ta' ekosistema Ewropea aktar effettiva u sostenibbli ta' RIs bħala riżorsa ewlenija taż-*"ŻER Ġdida"* u jieħdu vantaġġ sħiħ tal-kontribut essenzjali tagħha għall-kondiviżjoni tad-data u l-kontroll tal-kwalità tad-data ĠUSTI. IFAKKAR li l-għoti ta' aċċess miftuħ suffiċjenti għal RIs nazzjonali u tranżnazzjonali, il-kollaborazzjoni u l-integrazzjoni akbar tagħhom madwar l-UE, u t-titjib tal-iskambju ta' informazzjoni dwar il-kapaċitajiet eżistenti eż. permezz ta' pjanijiet direzzjonali dwar l-RIs u l-proċess tal-ESFRI huma kruċjali għall-eċċellenza u l-inklużività.
- vi. **Xjenza Miftuħa:** JENFASIZZA li x-xjenza miftuħa, inkluż l-integrazzjoni tal-aċċess miftuħ għall-pubblikazzjonijiet u d-data tar-riċerka, għandha rwol kruċjali fit-tisħiħ tal-impatt, il-kwalità, l-effiċjenza, it-trasparenza u l-integrità tar-R&I, u tqarreb ix-xjenza u s-soċjetà lejn xulxin filwaqt li tqis l-aspetti legali, ta' sigurtà u ta' privatezza leġittimi. JINKORAĠĠIXXI lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri u lill-partijiet ikkonċernati biex jappoġġaw u jimplimentaw prattiki tax-xjenza miftuħa fis-sistemi ta' premjazzjoni u ta' evalwazzjoni tagħhom għar-riċerka, ir-riċerkaturi u l-istituzzjonijiet, inkluż ir-RIs, u jsaħħu l-koordinazzjoni Ewropea tagħhom. JILQA' t-tneċċija tal-pjattaforma ta' publikazzjoni Open Research Europe. JAGĦRAF li l-bibliodiversità, il-multilingwiżmu u r-rikonossiment tal-produttazzjonijiet xjentifiċi kollha huma elementi rilevanti ta' politika taż-*"ŻER"* dwar ix-xjenza miftuħa.

B. DIREZZJONALITÀ: INIZJATTIVI KONĠUNTI MMEXXIJA MIR-R&I MA' OQ SMA OĦRA TA' POLITIKA F'KUNTEST GLOBALI

18. JIDDEFINIXXI l-element ta' "Direzzjonalità" bħala proċess ta' koordinazzjoni strateġika bejn ir-R&I u oq sma oħra ta' politika rilevanti sabiex l-investimenti fir-R&I jiġu orjentati u prijoritizzati b'mod strateġiku u jitħejjew għat-tfassil u l-implimentazzjoni ta' inizjattivi ta' politika mmexxiya mir-R&I li jikkontribwixxu għall-kisba tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs) madwar l-Ewropa u lil hinn minnha.
19. JAGĦRAF it-tranżizzjoni doppja "ekoloġika" u "diġitali" u rkupru reżiljenti bħala d-direzzjonijiet prinċipali biex iż-"ŻER Ġdida" tissarraf f'politika konkreta u azzjonijiet ta' finanzjament. JENFASIZZA l-importanza ta' investimenti u programmi konġunti tranżnazzjonali tar-R&I fil-livelli reġjonali, nazzjonali u tal-UE, u JAPPELLA lill-Istati Membri biex jiżguraw kontributi ambizzjużi għall-azzjonijiet taż-ŻER li għandhom l-għan li jindirizzaw din it-tranżizzjoni. JISSOTTOLINJA l-ħtieġa għal azzjonijiet speċifiċi biex jiżguraw li l-politika tar-R&I tipprovdi aktar appoġġ u appoġġ adegwat għall-assorbiment tal-għarfien u t-teknoloġiji fl-oq sma ta' politika differenti, inkluż għall-implimentazzjoni tal-istrateġija industrijali tal-Ewropa. JENFASIZZA f'dan il-kuntest l-importanza ta' rabtiet adegwati fi ħdan u bejn l-ekosistemi tal-innovazzjoni u l-atturi tagħhom madwar l-Ewropa biex jiġi żgurat li r-riżultati tar-riċerka jiġu applikati aktar malajr fl-ekonomija u fis-soċjetà.
20. JISTIEDEN lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri interessati biex fl-2021 iwettqu proċess ta' aġenda għal azzjoni pilota taż-ŻER ta' R&I fl-idroġenu ekoloġiku, filwaqt li jiżguraw konsistenza ma' inizjattivi relatati oħra u mingħajr preġudizzju għar-rilevanza ta' approċċ ta' politika usa' ta' R&I fl-idroġenu lil hinn minn din l-azzjoni pilota taż-ŻER.

21. JAPPELLA lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jiżviluppaw u jimplimentaw b'mod konġunt azzjonijiet taż-ŻER f'kooperazzjoni mill-qrib mal-partijiet ikkonċernati taż-ŻER li jindirizzaw l-isfidi ewlenin biex titrawwem id-direzzjonalità, it-tranżizzjoni doppja u rkupru reżiljenti. JAPPELLA lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jaqblu dwar azzjonijiet ta' prijetorità bħala parti minn aġenda ta' politika taż-ŻER fl-2021, inkluż dwar azzjonijiet fid-dominji li ġejjin:

- i. **Inizjattiva Ewropea għar-Reżiljenza:** JIRRIKONOXXI l-miżuri mibdija b'rispons għall-pandemija tal-COVID-19, bħall-pjan ta' azzjoni "ERAvsCorona" u l-ħolqien konġunt tal-"Ispazju Ewropew tad-Data dwar is-Saħħa" mill-infrastrutturi tar-riċerka u l-infrastrutturi elettroniċi fl-EOSC; JAGĦRAF il-ħtieġa li titkompla l-azzjoni fuq l-isfidi imposti mill-kriżi u li ssir ħidma fuq strutturi avvanzati ta' prevenzjoni u rispons biex tissaħħaħ ir-reżiljenza tal-Ewropa fil-futur, inkluż viżjoni kondiviża fir-rigward tal-privatezza u kwistjonijiet etiċi oħra; JAPPELLA lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jistabbilixxu inizjattiva ta' politika konġunta u koordinata fuq terminu medju mmexxija mir-R&I, filwaqt li jqisu l-prijoritajiet stabbiliti fil-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza.

- ii. **Trasformazzjoni Diġitali:** JIRRIKONOXXI li t-trasformazzjoni diġitali għandha impatt profond fuq l-aspetti kollha taż-*"ŻER ġdida"*; JENFASIZZA li t-teknoloġiji diġitali (in-networks 5G, il-proċessuri u l-komponenti elettroniċi, il-computing ta' prestazzjoni għolja, l-aċċess għad-data, l-ipproċessar u l-analitika) jikkontribwixxu għas-sovranità teknoloġika Ewropea; JINKORAĠĠIXXI lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jżidu l-livell ta' koordinazzjoni nazzjonali u Ewropea, b'mod partikolari dwar l-infrastrutturi tar-riċerka u l-infrastrutturi elettroniċi. JENFASIZZA l-potenzjal tal-Intelliġenza Artifiċjali (IA) f'dan ir-rigward. IFAKKAR li huwa meħtieġ ferm approċċ koerenti, komprensiv u strateġiku għall-attivitajiet differenti relatati mal-IA fil-livell Ewropew u dak nazzjonali, filwaqt li jiġi adottat approċċ iċċentrat fuq il-bniedem ibbażat fuq valuri Ewropej komuni u prinċipji etiċi, inkluż id-diversità soċjali u l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, u bil-għan li jsir sforz għal sensibilizzazzjoni globali; JAPPELLA lill-Kummissjoni biex tkompli bl-isforzi tagħha biex tistabbilixxi networks ta' eċċellenza tal-IA madwar l-Ewropa kollha, li jintegraw il-fergħat differenti tal-attivitajiet relatati mal-IA, jiġbru flimkien l-għarfien u r-riżultati tar-riċerka, bil-għan li jimmassimizzaw l-impatt, u jippromwovu l-adozzjoni ta' applikazzjonijiet tal-IA f'oqsma strateġiċi, kemm fl-Ewropa kif ukoll globalment.
- iii. **Sħubiji Ewropej tar-R&I:** JILQA' l-progress sinifikanti li sar fl-iżvilupp ta' approċċ strateġiku u komprensiv ġdid lejn sħubiji Ewropej tar-R&I u fit-tnejn tal-*"Proċess ta' Koordinazzjoni Strateġika"* l-ġdid; JISSOTTOLINJA li s-sħubiji li jorbtu l-investimenti nazzjonali u Ewropej u l-impenn politiku ser jaqdu wkoll rwol vitali fid-direzzjonalità l-ġdida. JAPPELLA lill-Istati Membri biex jużaw bis-sħiħ il-potenzjal tas-sħubiji biex jiksbu b'mod konġunt l-iskala u l-kamp ta' applikazzjoni fl-Ewropa biex jindirizzaw b'mod effettiv l-SDGs, inkluż billi jipprovdu kontribuzzjonijiet finanzjarji u kontributi in natura nazzjonali xierqa biex jikkomplementaw l-inizjattivi fil-livell tal-UE. JAPPELLA lill-Kummissjoni biex tiżgura t-tnedija f'waqtha tal-Proċess ta' Koordinazzjoni Strateġika għas-Sħubiji.

- iv. **Ċirkolazzjoni tal-Għarfien:** JISSOTTOLINJA li huma meħtieġa sforzi addizzjonali biex l-assi intellettuali u xjentifiċi tal-Unjoni jissarrfu fi prodotti u servizzi ġodda li jissodisfaw il-ħtieġiet soċjetali. JAPPELLA lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni biex jippromwovu x-xjenza miftuħa u l-prattiki ta' innovazzjoni miftuħa u jstimulaw il-kokreazzjoni tal-għarfien u t-teknoloġija fl-Ewropa; JILQA' l-inizjattiva tal-Kummissjoni li tirrieżamina r-Rakkomandazzjoni tal-KE tal-2008 dwar il-ġestjoni tal-proprietà intellettuali fl-attivitajiet ta' trasferiment tal-għarfien u l-Kodiċi ta' Prattika f'konformità mal-Istrateġija Industrijali Ġdida għall-Ewropa u tiżviluppa Strateġija tal-UE għall-Infrastrutturi tat-Teknoloġija²¹ biex tiffaċilita l-kollaborazzjoni u l-iskambju tal-għarfien bejn il-kumpanniji Ewropej u tiżgura l-aċċess tagħhom għall-ħiliet u l-għarfien esperti it-tajbin.
- v. **EUREKA:** JIRRIKONNOXXI l-kisbiet sinifikanti ta' EUREKA fil-kontribut għaż-ŻER, inkluż għad-dimensjoni esterna tiegħu, u JAPPELLA lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jikkontribwixxu għall-iżvilupp ulterjuri ta' EUREKA bħala struttura pan-Ewropea ewlenija li timplimenta attivitajiet bilaterali u multilaterali qrib is-suq tar-R&I mill-industrija u l-akkademja, b'mod partikolari billi jiffokaw fuq it-tranżizzjoni doppja u jinvolvu intrapriżi żgħira u ta' daqs medju (SMEs) u kumpaniji b'kapitalizzazzjoni medja inkluż il-potenzjal ta' kollaborazzjoni Ewropea u internazzjonali dejjem aktar rilevanti tagħhom.

²¹ "Infrastruttura tat-teknoloġija" tfisser faċilitajiet u riżorsi, bħal banek tat-test, linji pilota, dimostraturi, faċilitajiet tal-ittestjar jew laboratorji ħajjin, u s-servizzi relatati, li jintużaw mil-laboratorji pubbliċi tar-riċerka jew l-industrija biex tiżviluppa, timmanifattura, tittestja u ttejjeb teknoloġija innovattiva ħafna li tkun ġiet ivalidata f'ambjent ta' laboratorju, inkluż l-iżvilupp ta' prototipi, id-definizzjoni ta' proċess ta' fabbrikazzjoni u l-proċeduri tal-ittestjar; l-aċċess għal dawn l-infrastrutturi huwa miftuħ għal diversi utenti.

- vi. **Kooperazzjoni Internazzjonali:** JENFASIZZA dwar il-ħtieġa għal sħubija msaħħa bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri rigward il-ftehimiet ta' kooperazzjoni dwar ix-xjenza, it-teknoloġija u l-innovazzjoni (STI) u d-"Diplomazija dwar ix-Xjenza" sabiex jinkiseb involviment aktar konsolidat ma' pajjiżi terzi b'rispett sħiħ tal-prinċipji ta' reċiproċità, il-ftuħ, it-trasparenza, il-valuri komuni, inkluż id-drittijiet tal-bniedem u d-drittijiet tal-proprjetà intellettuali u aktar impatt fir-rigward tal-għanijiet ġenerali tal-politika tal-UE; JAPPELLA lill-Kummissjoni biex tikkordina f'kooperazzjoni mill-qrib mad-djalogi ta' politika tal-Istati Membri biex ittejjeb ir-relazzjonijiet stabbiliti tar-R&I u ssaħħa il-kollaborazzjoni ma' pajjiżi u reġjuni terzi, inkluż l-Afrika, is-sħubiji tal-Lvant u tan-Nofsinhar, ir-reġjun Ewro-Mediterranju kif ukoll biex issaħħa aktar l-inizjattivi ta' kooperazzjoni mal-Balkani tal-Punent u JIDENTIFIKA l-ħtieġa għal approċċ aktar komprensiv fir-rigward tas-salvagwardja tal-awtonomija strateġika tal-UE filwaqt li tinżamm ekonomija miftuħa inkluż permezz tal-kooperazzjoni tagħha fir-R&I ma' pajjiżi terzi. JISSOTTOLINJA l-ħtieġa għal sforz akbar għall-previżjoni, l-evalwazzjoni u l-monitoraġġ koordinati f'diversi livelli tal-impatt tal-kooperazzjoni fir-R&I lil hinn mill-Ewropa.

C. PARTEĊIPAZZJONI: VIŻIBBILTÀ U RILEVANZA TAR-R&I GĦAS-SOĊJETÀ

22. JIDDEFINIXXI l-element ta' "parteċipazzjoni" bħala sforzi konġunti mill-UE u mill-Istati Membri biex iż-"ŻER Ġdida" ssir aktar viżibbli fil-komunità tar-riċerka u tiżdied il-viżibbiltà u r-rilevanza tar-R&I għas-soċjetà fit-tfassil, l-implimentazzjoni u l-iskambju ta' għarfien tal-inizjattivi tar-R&I fil-livelli istituzzjonali, tal-proġetti u tal-programmi.
23. JAPPELLA lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex ikomplu jiżviluppaw u jimplimentaw il-kampanja tax-xjenza taċ-ċittadini "pirati tal-plastik" bħala l-azzjoni pilota taż-ŻER li trawwem "interazzjoni" fiż-ŻER sabiex titqajjem kuxjenza fost iċ-ċittadini, b'mod partikolari ċ-ċittadini żgħażaġh, dwar l-impatt u l-benefiċċji tar-R&I fil-ħajja tagħhom ta' kuljum. JINKORAĠĠIXXI l-kooperazzjoni mal-Missjoni proposta dwar Oċeani, Ibħra, Ilmijiet Kostali u Interni B'Saħħithom.
24. JAPPELLA lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jiżviluppaw u jimplimentaw b'mod konġunt azzjonijiet taż-ŻER f'kooperazzjoni mill-qrib mal-partijiet ikkonċernati taż-ŻER li jindirizzaw l-isfidi ewlenin biex titrawwem l-interazzjoni mas-soċjetà. JAPPELLA lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jaqblu dwar azzjonijiet ta' prijorità bħala parti minn aġenda ta' politika taż-ŻER fl-2021, inkluż dwar azzjonijiet fid-dominji li ġejjin:
- i) **Kampanji tax-Xjenza taċ-Ċittadini:** JAPPELLA lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni biex jorganizzaw, mill-inqas kull sentejn, Kampanja tax-Xjenza taċ-Ċittadini madwar l-Ewropa kollha sabiex jiġu introdotti Prattiki tajbin għall-inċentivar u l-ippremjar tal-parteċipazzjoni taċ-ċittadini fit-tfassil u l-implimentazzjoni tal-politika tar-R&I madwar l-Ewropa sabiex tissaħħaħ il-fiduċja taċ-ċittadini fix-xjenza u jiġi ffaċilitat l-użu tax-xjenza, it-teknoloġija u l-innovazzjoni. JINKORAĠĠIXXI sinerġiji bejn dawn il-kampanji tax-Xjenza taċ-Ċittadini u l-missjonijiet proposti ta' Orizzont Ewropa.

- ii) **Komunikazzjoni dwar ix-Xjenza:** JINKORAĠĠIXXI lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni jsaħħu l-isforzi biex itejbu l-għarfien pubbliku dwar ix-xjenza u t-teknoloġija, biex jistimulaw il-popolarizzazzjoni tax-xjenza u l-interess tal-media u jagħtu spinta lill-edukazzjoni dwar ix-xjenza u jipprovdu lir-riċerkaturi taħriġ u ħiliet xierqa dwar il-komunikazzjoni xjentifika. JAPPELLA lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jistabbilixxu approċċ ta' politika Ewropea dwar il-komunikazzjoni xjentifika, filwaqt li jikkunsidraw "Network tal-Media Xjentifiċi tal-UE" federat li joffri aċċess għal għarfien xjentifiku aġġornat dwar suġġetti kontemporanji għall-pubbliku Ewropew, il-media u l-politika, inizjattiva u attivitajiet ta' networking ġodda tal-Kapitali Ewropej tax-Xjenza u l-Innovazzjoni li għandhom l-għan li jikkollegaw aħjar l-inizjattivi rilevanti fil-livell reġjonali, nazzjonali u dak tal-UE.

D. INKLUŻIVITÀ U AĊĊESS WIESGĦA GĦALL-EĊĊELLENZA

25. JIDDEFINIXXI l-element ta' "Inklużività" bħala parteċipazzjoni wiesgħa, bilanċjata bejn il-ġeneri u nondiskriminatorja tar-riċerkaturi u l-atturi nazzjonali u reġjonali u l-partijiet ikkonċernati tar-R&I madwar l-Ewropa fl-attivitajiet taż-ŻER sabiex jiġi attivat u użat bis-siġh il-potenzjal taż-ŻER biex tikkontribwixxi għall-oġġettivi ta' politika reġjonali, nazzjonali u Ewropea permezz ta' miżuri mmirati fil-livell nazzjonali u/jew tal-UE għall-promozzjoni u l-faċilitazzjoni tal-ftuħ u l-inklużività tan-networks ta' kollaborazzjoni u biex jitnaqqsu l-frammentazzjoni u d-disparitajiet bejn l-Istati Membri u fihom.
26. JAPPELLA lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jiżviluppaw EURAXESS bħala l-azzjoni pilota taż-ŻER li trawwem l-"inklużività" fi ħdan iż-ŻER fi Pjattaforma għat-Talent taż-ŻER xierqa biex tindirizza l-ostakli eżistenti għax-xejra ta' mobbiltà żbilanċjata billi tappoġġa lir-riċerkaturi fl-iżvilupp tal-karriera tagħhom fiż-ŻER, tikkollega r-riċerkaturi u l-istituzzjonijiet, ittejjeb l-impjegabbiltà u l-assorbiment ta' talenti u l-iskemi ta' mobbiltà.

27. JAPPELLA lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jiżviluppaw u jimplimentaw b'mod konġunt azzjonijiet taż-ŻER f'kooperazzjoni mill-qrib mal-partijiet ikkonċernati taż-ŻER li jindirizzaw l-isfidi ewlenin biex titrawwem inklużività wiesgħa. JAPPELLA lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jaqblu dwar azzjonijiet ta' prijarità bħala parti minn aġenda ta' politika taż-ŻER fl-2021, inkluż dwar azzjonijiet fid-dominji li ġejjin:
- i. **Ċirkolazzjoni ta' Mħuħ:** ITENNI li l-fenomeni tal-"eżodu ta' mħuħ", li għandu l-għerqu tiegħu f'għadd ta' fatturi soċjoekonomiċi differenti fil-livelli lokali, reġjonali u nazzjonali, għadu jirrappreżenta sfida ewlenija fl-Istati Membri u għalihom, u jikkontribwixxi għad-diviżjoni fir-riċerka u l-innovazzjoni fl-UE. JAGĦRAF li l-mobbiltà tar-riċerkaturi, kemm ġeografika kif ukoll intersettorjali, hija dimensjoni ċentrali taż-ŻER Ġdida" għall-iżgurar ta' riżultati ta' klassi dinjija. JAPPELLA lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jimmonitorjaw u jirakkomandaw miżuri biex jindirizzaw iċ-ċirkolazzjoni żbilanċjata ta' mħuħ, inkluż is-sistema ta' remunerazzjoni, ix-xejra ta' mobbiltà, il-kundizzjonijiet tal-impjiegi, il-politiki tas-sigurtà soċjali, il-portabbiltà ta' għotjiet u l-pensjonijiet kif ukoll il-mobbiltà intersettorjali tar-riċerkaturi.
 - ii. **Ugwaljanza bejn il-Ġeneri:** IFAKKAR bi tħassib kbir li għad hemm żbilanċ kbir bejn il-ġeneri li jipprevjeni lill-Ewropa milli tuża l-potenzjal sħiħ tas-sistema tar-R&I tagħha li għandha l-għan tal-eċċellenza, u JAPPELLA lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri għal fokus imġedded fuq l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u l-integrazzjoni, inkluż permezz tal-istrument ta' pjanijiet għall-ugwaljanza bejn il-ġeneri u l-integrazzjoni tad-dimensjoni tal-ġeneri fil-kontenut tar-R&I. JISTIEDEN lill-Istati Membri u lill-organizzazzjonijiet tal-finanzjament għar-riċerka javvanzaw miżuri biex jiżguraw li l-allokazzjoni tal-finanzjament għar-riċerka ma tkunx affettwata minn preġudizzju u d-diskriminazzjoni bbażati fuq il-ġeneru.

- iii. **Ġestjoni tax-Xjenza:** JAGĦARAF il-ħtieġa li qed tikber għall-professjonalizzazzjoni tal-ġestjoni tax-xjenza fl-organizzazzjonijiet li jwettqu u jiffinanzjaw ir-riċerka, inkluż permezz tal-ħiliet diġitali sabiex tittejjeb il-kapaċità tagħhom li jipparteċipaw f'networks ta' kollaborazzjoni madwar iż-ŻER kollha; JAPPELLA lill-Kummissjoni biex tniedi azzjoni pilota għal programm ta' networking madwar l-Ewropa kollha għall-manigġers tax-xjenza inkluż il-manigġers tal-infrastruttura tar-riċerka u JIKKUNSIDRA l-valur miżjud tal-kooperazzjoni bejn il-fornituri tat-taħriġ fil-ġestjoni tax-xjenza, inkluż fis-settur tal-edukazzjoni għolja, biex jiġu żviluppati programmi u linji gwida għall-ġestjoni tax-xjenza.
- iv. **Kooperazzjoni Ewropea fix-Xjenza u t-Teknoloġija (COST):** JIRRIKONOXXI COST bħala strument sinifikanti tar-R&I u portal tad-dħul għaż-ŻER billi trawwem il-kooperazzjoni fir-riċerka Ewropea u internazzjonali, inkluż permezz tal-inklużività u l-approċċ minn isfel għal fuq tagħha; JAPPELLA lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex isaħħu r-rwol tal-COST bħala strument ta' networking ewlieni fiż-ŻER permezz tal-kollegament, l-għoti tas-setgħa u ż-żamma b'mod partikolari ta' riċerkaturi żgħażaġh u biex jappoġġaw iċ-ċirkolazzjoni libera tax-xjenzati, inkluż l-iżvilupp ta' karrieri fir-riċerka, b'mod partikolari t-trawwim tal-parteċipazzjoni tal-pajjiżi tal-Viċinat Ewropew, pereżempju permezz ta' skejjel ta' taħriġ fil-COST u mekkaniżmi ta' mobbiltà għal żmien qasir.

IV. PASSI LI JMISS

28. JISTIEDEN lill-Presidenzi futuri tal-Kunsill tal-UE u lill-Kummissjoni jorganizzaw djalogi ta' politika regolari b'appoġġ għal investimenti u riformi mmexxija mill-impatti fil-livell nazzjonali u dak reġjonali u l-mobilizzazzjoni tas-sorsi ta' finanzjament u l-għodod ta' appoġġ ta' politika disponibbli kollha fil-livell Ewropew, inkluż permezz ta' "Konferenzi Ministerjali taż-ŻER" mill-inqas darba f'sentejn bil-għan li jitfasslu aktar azzjonijiet għall-implimentazzjoni tal-aġenda ta' politika taż-ŻER u biex jittieħed kont tal-iżvilupp u l-kisbiet tal-azzjonijiet attwali taż-ŻER.

29. JAPPELLA lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jiżviluppaw fl-2021 aġenda ta' politika taż-ŻER u mudell ta' governanza f'diversi livelli biex iwettqu ż-ŻER Ġdida", li jinkludu l-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-azzjonijiet taż-ŻER u FILWAQT LI JIKKUNSIDRA l-elementi relatati mal-governanza fil-komunikazzjoni taż-ŻER mill-Kummissjoni, il-"Patt għar-Riċerka u l-Innovazzjoni fl-Ewropa" u l-"Forum taż-ŻER għat-Tranżizzjoni". JISSOTTOLINJA li l-iżvilupp tal-mudell il-ġdid ta' governanza għandu jkun immexxi mill-prinċipji li ġejjin:

- **Inklużività:** L-involvement tal-Istati Membri kollha inkluż l-awtoritajiet reġjonali, il-Kumitat Ewropew tar-Regġuni, il-partijiet ikkonċernati tar-R&I u s-soċjetà ċivili, fejn xieraq.
- **Effettività:** Id-definizzjoni ta' proċessi ta' governanza effiċjenti xierqa biex jiġu żviluppatti u implimentati l-azzjonijiet taż-ŻER billi jiġu stabbiliti objettivi komuni u tittieħed deċiżjoni dwar il-passi meħtieġa biex jiġu implimentati l-inizjattivi taż-ŻER, bl-involvement tal-politiki settorjali rilevanti.
- **Koerenza:** L-isforzi għal aktar skambju u kooperazzjoni bejn il-livelli reġjonali, nazzjonali u tal-UE biex jiġu indirizzati kwistjonijiet strutturali fil-kamp ta' applikazzjoni tal-politika tar-R&I u barra minnu.
- **Effiċjenza:** Rabta mal-ippjanar strateġiku propost ta' Orizzont Ewropa biex jissaħħaħ l-allinjament tal-politiki u l-miżuri tar-R&I fi stadju bikri, biex b'hekk jitwessa' l-kamp ta' applikazzjoni u l-impatt tal-azzjonijiet nazzjonali u tal-UE tar-R&I.
- **Approċċ imnebbaħ mill-evidenza:** It-trawwim, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Kummissjoni, ta' rieżami tas-sistema ta' monitoraġġ taż-ŻER inkluż l-indikaturi u l-proċeduri ta' rappurtar tagħha FILWAQT LI JIKKUNSIDRA l-proposta tal-Kummissjoni li tistabbilixxi tabella ta' valutazzjoni annwali taż-ŻER, u li tfittex li tipprovdi assistenza teknika u esperta lill-Istati Membri għat-titjib tal-attivitajiet nazzjonali ta' monitoraġġ taż-ŻER u l-konnessjoni tagħhom mas-Semestru Ewropew u l-implimentazzjoni tal-pjanijiet għall-Irkupru u r-Reżiljenza tagħhom.
- **Rilevanza:** L-istabbiliment ta' prioritajiet immexxija mill-politika permezz ta', fost l-oħrajn, rwol xieraq tal-Kunsill kif ukoll dibattiti ta' orjentazzjoni permezz ta' konferenzi ministerjali regolari taż-ŻER li jinvolvu partijiet ikkonċernati u sħab lil hinn mill-Istati Membri, kif xieraq.

30. JAPPELLA lill-Kumitat taż-Żona Ewropea tar-Riċerka u l-Innovazzjoni (KŻER) biex jagħti parir rigward il-kwistjoni dwar jekk u sa liema punt jistgħu jkunu meħtieġa azzjoni leġiżlattiva u Rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill biex titwettaq iż-"ŻER Ġdida".
31. JISTIEDEN lill-Presidenza Portugiża li jmiss tmexxi 'l quddiem is-suġġett ta' "karrieri fir-riċerka" u lill-Kummissjoni biex tippreżenta proposti konkreti relatati maż-ŻER għal dan il-għan.
-